# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fit-30 ta' April 2020[1]

**Kawża C-693/18**

**Procureur de la République**
**vs**
**Kumpannija X,**
**fil-preżenza ta':**
**CLCV *et,***
**A *et,***
**B,**
**AGLP *et,***
**C *et***

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-vice-président chargé de l'instruction du tribunal de grande instance de Paris (il-Viċi President Responsabbli għall-Istruttorja tal-Qorti Reġjonali ta' Pariġi (Franza))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Regolament (KE) Nru 715/2007 – Vetturi bil-mutur – Emissjonijiet ta' inkwinanti – Apparat ta' manipulazzjoni – Programm li jaġixxi fuq il-kalkolatur li jikkontrolla l-magna – Teknoloġiji u strateġiji li jippermettu li tiġi limitata l-produzzjoni tal-emissjonijiet ta' inkwinanti – Magni diesel"

## Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa, f'din il-kawża, mill-vice-président chargé de l'instruction du tribunal de grande instance de Paris (il-Viċi President Responsabbli għall-Istruttorja tal-Qorti Reġjonali ta' Pariġi, Franza) tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-punt 10 tal-Artikolu 3 kif ukoll l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007[2].

2. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna tikkjarifika, għall-ewwel darba, is-sinjifikat ta' diversi kunċetti stabbiliti permezz tal-imsemmi regolament, li jinkludu l-kunċetti ta' "apparat ta' manipulazzjoni" u ta' "sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet"[3].

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU 2007, L 171, p. 1).

3 Domandi preliminari analogi kienu magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi C-690/18, C-691/18 u C-692/18, li bħalissa huma pendenti fl-istennija tal-għoti tas-sentenza f'din il-kawża.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt internazzjonali*

3. Ir-Regolament Nru 83 tal-Kummissjoni Ekonomika Ewropea tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward ta' l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu skond ir-rekwiżiti tal-fjuwil tal-magna[4] jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur[5].

4. Il-punti 2.16 sa 2.16.3 ta' dan ir-regolament jipprevedu:

"[2.16.] 'Mekkaniżmu ta' diżattivazzjoni' ['apparat ta' manipulazzjoni'] tfisser kwalunkwe element tad-disinn li jissensja t-temperatura, il-veloċità tal-vettura, il-veloċità ta' kemm tgħaqqad il-magna, il-ger tat-trażmissjoni, il-vakwu tal-manifold jew xi parametru ieħor bil-għan li jattiva, jirregola, jirritardja jew jiddiżattiva l-operazzjoni ta' xi parti mis-sistema li tikkontrolla l-emissjonijiet, li tnaqqas l-effikaċità tas-sistema ta' kontroll ta' l-emissjonijiet taħt kundizzjonijiet li wieħed mistenni jiltaqa' magħhom meta l-vettura qed taħdem u tintuża' b'mod normali. Dak l-element tad-disinn jista' ma jitqiesx mekkaniżmu ta' diżattivazzjoni jekk:

2.16.1. il-bżonn għall-mekkaniżmu hu ġustifikat f'kemm jipproteġi l-magna mill-ħsarat jew l-inċidenti u biex il-vettura taħdem b'mod sikur, jew

2.16.2. il-mekkaniżmu ma jiffunzjonax aktar mir-rekwiżiti biex tistartja l-magna, jew

2.16.3. il-kundizzjonijiet huma sostanzjalment inklużi fil-proċeduri tat-test tat-Tip I jew tat-Tip VI."

### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Id-Deċiżjoni 97/836/KE*

5. L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 97/836/KE[6] jiddisponi:

"Il-Komunità għandha tissieħeb fil-Ftehim ta' l-Ewropa tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti li jikkonċerna l-addozzjoni tal-preskrizzjonijet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, taghmir u partijiet liema jistgħu jkunu iffittjati ma' u/jew ikunu wżati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijet għar-rikonoxximent reċiproku ta' l-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijet, minn hawn 'il quddiem riferrut bħala l-'Ftehim Rivedut'.

[…]".

4 Dan ir-regolament ġie adottat bis-saħħa tal-Ftehim dwar l-adozzjoni ta' kundizzjonijiet uniformi ta' approvazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjoni għal tagħmir u partijiet ta' vetturi bil-mutur, konkluż f'Genève fl-20 ta' Marzu 1958 (ftehim li t-titolu tiegħu ġie sussegwentement emendat fi "Ftehim dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jiġu użati fuq vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ta' l-approvazzjoni mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet"). L-imsemmi regolament huwa s-suġġett ta' aġġornamenti regolari. Hawnhekk qiegħda nikkwota minn verżjoni ppubblikata fl-2006 (ĠU 2006, L 375, p. 234, rettifika fil-ĠU 2007, L 70, p. 171) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 83 (KEE-NU)"). Ninnota li, f'verżjoni ulterjuri (ĠU 2015, L 172, p. 1), il-punt 2.16 ta' dan ir-regolament isemmi, "sistema ta' kontra t-tniġġis", minflok "sistema li tikkontrolla l-emissjonijiet".

5 L-Unjoni hija marbuta minn dan l-istrument: ara l-punt 5 ta' dawn il-konklużjonijiet.

6 Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (Ftehim Rivedut tal-1958) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 27, p. 52, rettifika fil-ĠU 2012, L 188, p. 19).

6. Skont l-Artikolu 3(1) tagħha, "[...] il-Komunità għandha tgħid li l-adeżjoni tagħha ħa tkun ristretta għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti UN/ECE mniżżlin fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni".

7. Isir riferiment għar-Regolament Nru 83 (KEE-NU) fl-Anness II ta' din id-deċiżjoni.

*Id-Direttiva 2007/46/KE*

8. Konformement mal-Artikoli 34 u 35, kif ukoll skont l-Anness IV tad-Direttiva 2007/46/KE[7], ir-Regolament Nru 83 (KEE-NU) huwa inkluż fil-proċedura Komunitarja ta' approvazzjoni tat-tip ta' vetturi.

*Ir-Regolament Nru 715/2007*

9. Il-premessi 1, 5, 6 u 12 tar-Regolament Nru 715/2007 huma fformulati kif ġej:

"(1) [...] Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' emissjonijiet għandhom għalhekk jiġu armonizzati biex jiġu evitati rekwiżiti li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, u biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali.

[...]

(5) Hemm bżonn ta' sforzi kontinwi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-vetturi sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' l-UE rigward il-kwalità ta' l-arja. [...]

(6) B'mod partikulari, hemm bżonn ta' tnaqqis konsiderevoli ta' l-emissjonijiet ta' l-ossidju tan-nitroġenu biex tittejjeb il-kwalità ta' l-arja u biex ikun hemm konformità mal-valuri ta' limitu għat-tniġġis.

[...]

(12) Għandhom jitkomplew l-isforzi għall-implimentazzjoni ta' limiti aktar stretti fuq l-emissjonijiet, li jinkludu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju, u sabiex jiġi żgurat li dawk il-limiti jirrelataw mar-rendiment fil-fatt tal-vetturi meta dawn ikunu qed jintużaw."

10. L-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jiddisponi:

"[...]

4) 'inkwinanti gassużi' jfissru emissjonijiet ta' gass ta' l-exhaust bħala monossidu tal-karbonju, ossidi tan-nitroġenu, espressi f'ekwivalenti ta' dijossidu tan-nitroġenu (NO2), u idrokarburi;

[...]

6) 'emissjonijiet mit-*tailpipe*' [emissjonijiet mill-pajp tal-egżost] ifissru emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u f'partikuli;

[...]

7 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU 2007, L 263, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1060/2008 tas-7 ta' Ottubru 2008 (ĠU 2008, L 292, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2007/46"). Ara wkoll il-premessa 3 tar-Regolament Nru 1060/2008, li ssemmi b'mod espliċitu r-Regolament Nru 83 (KEE-NU).

10) 'tagħmir ta' riduzzjoni' [apparat ta' manipulazzjoni] jfisser kull element tad-disinn li jħoss it-temperatura, il-veloċità tal-vettura, id-dawrien tal-magna (RPM), it-transmission gear, il-vakwu fil-manifold jew parametru ieħor bl-iskop li jattiva, jimmodula, jittardja jew iwaqqaf il-funzjonament ta' xi parti mis-sistema ta' kontroll ta' l-emissjonijiet, li tnaqqas l-effettività tas-sistema ta' kontroll ta' l-emissjonijiet taħt kondizzjonijiet li wieħed raġonevolment jistenna li jiltaqa' magħhom waqt it-tħaddim u l-użu normali ta' vettura;

[...]"

11. L-Artikolu 4(1) u (2) jiddisponi:

"1. Il-manifatturi għandhom juru li l-vetturi ġodda kollha mibjugħa, reġistrati jew mqiegħda fis-servizz fil-Komunità għandhom l-approvazzjoni tat-tip skond dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu. Il-manifatturi għandhom juru wkoll li t-tagħmir ġdid, użat biex jibdel tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis, kollu li jeħtieġ approvazzjoni tat-tip li jinbiegħ jew li jitqiegħed fis-servizz fil-Komunità għandu l-approvazzjoni tat-tip skond dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

Dawn l-obbligi jinkludu r-rispett tal-limiti ta' emissjoni stabbiliti fl-Anness I u l-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 5.

2. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' l-approvazzjoni tat-tip għall-verifika tal-konformità fil-produzzjoni, il-perjodu tas-servizz tat-tagħmir tal-kontroll tat-tniġġis u l-konformità waqt is-servizz jiġu rispettati.

Barra minn hekk, il-miżuri tekniċi meħuda mill-manifattur jridu jkunu tali li jiġi żgurat li l-emissjonijiet mit-*tailpipe* [mill-pajp tal-egżost] jew evaporattivi huma effettivament limitati, skond dan ir-Regolament, tul il-ħajja normali tal-vettura li tintuża f'kundizzjonijiet normali. [...]"

12. Skont l-Artikolu 5(1) u (2):

"1. Il-manifattur għandu jattrezza l-vetturi b'mod li l-komponenti li jistgħu jaffettwaw l-emissjonijiet jiġu ddisinjati, mibnija u assemblati bil-għan li jippermettu li l-vettura, fl-użu normali, tikkonforma ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

2. L-użu ta' tagħmir ta' riduzzjoni [apparat ta' manipulazzjoni] li jnaqqas l-effettività tas-sistemi tal-kontroll ta' l-emissjonijiet għandu jiġi pprojbit. Il-projbizzjoni m' għandiex tapplika fejn:

(a) il-bżonn tat-tagħmir huwa ġustifikat għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti u għat-tħaddim fis-sigurtà tal-vettura;

(b) it-tagħmir ma jaħdimx għajr għall-ħtiġijiet ta' l-istartjar tal-magna; jew

(ċ) il-kondizzjonijiet huma sostanzjalment inklużi fil-proċeduri tal-verifika ta' l-emissjonijiet evaporattivi u l-medja ta' l-emissjonijiet mit-*tailpipe* [mill-pajp tal-egżost]."

*Ir-Regolament Nru 692/2008*

13. L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 692/2008 [8] jipprevedi li dan ir-regolament "jistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 4, 5 u 8 tar-[Regolament Nru 715/2007]".

14. Skont il-punt 18 tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, *fil-kuntest tas-sistema OBD* (jiġifieri, sistema ta' dijanjostika fil-vettura [9]), "sistema għall-kontroll ta' l-emissjonijiet" tfisser "il-kontrollur elettroniku tal-ġestjoni tal-magna u kwalunkwe komponent relatat ma' l-emissjonijiet fis-sistema ta' l-egżost jew fis-sistema evaporattiva li jipprovdi input għal jew jirċievi output minn dan il-kontrollur".

## *Id-dritt Franċiż*

15. L-Artikolu L.213-1 tal-code de la consommation (il-Kodiċi tal-Konsumatur) jimponi sanzjoni kriminali meta "persuna, irrispettivament minn jekk tkunx parti jew le fil-kuntratt, li tkun qarrqet bil-kontraenti, bi kwalunkwe mezz jew aġir u anki permezz ta' terz: 1° dwar in-natura, l-ispeċi, l-oriġini, il-kwalitajiet sostanzjali, il-kompożizzjoni jew il-kontenut li jkunu bħala prinċipju utli tal-merkanzija kollha; 2° dwar il-kwantità tal-oġġetti kkunsinnati jew dwar l-identità tagħhom permezz tal-kunsinna ta' merkanzija differenti mill-oġġett speċifiku li kien is-suġġett tal-kuntratt; 3° dwar l-adegwatezza għall-użu, ir-riskji inerenti għall-użu tal-prodott, il-kontrolli mwettqa, il-modi ta' użu jew il-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu" [10].

16. L-Artikolu L.213-2 tal-Kodiċi tal-Konsumatur jipprevedi li l-piena tista' tkun iktar sostanzjali meta r-reati mwettqa "kellhom bħala konsegwenza li jagħmlu l-użu tal-merkanzija perikoluż għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali" [11].

17. Skont l-Artikolu L.213-6 tal-Kodiċi tal-Konsumatur, il-persuni ġuridiċi li jiġu ddikjarati responsabbli kriminalment għal ksur iddefinit fl-Artikoli L.213-1 u L.213-2 ta' dan l-istess kodiċi jattiraw ukoll il-pieni previsti fl-Artikolu L-131-39(2) sa (9) tal-code pénal (il-Kodiċi Kriminali). Dawn il-pieni jistgħu jkunu, bħala eżempju, projbizzjoni li tkopri l-attività "li fl-eżerċizzju tagħha jew fl-okkażjoni tal-eżerċizzju tagħha twettaq il-ksur".

## Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Il-kumpannija X hija manifattur ta' vetturi bil-mutur li tikkummerċjalizza vetturi bil-mutur fi Franza. Mid-deċiżjoni tar-rinviju joħroġ li din il-kumpannija qiegħdet fis-suq vetturi mgħammra b'softwer (iktar 'il quddiem is-"softwer kontenzjuż") li jista' jiffalsifika r-riżultati tat-testijiet ta' approvazzjoni marbuta mal-emissjonijiet ta' gassijiet inkwinanti, bħalma huma l-ossidi tan-nitroġenu (iktar 'il quddiem in-"NOx").

8 Regolament tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU 2008, L 199, p. 1, rettifika fil-ĠU 2010, L 336, p. 68).

9 OBD huwa l-akronimu tal-espressjoni Ingliża "on-board diagnostics".

10 Sat-18 ta' Marzu 2014, ksur ta' dan l-artikolu kien suġġett għal piena ta' priġunerija ta' mhux iktar minn sentejn u għal multa ta' mhux iktar minn EUR 35 000 jew għal waħda biss minn dawn iż-żewġ pieni. Mid-19 ta' Marzu 2014 sat-30 ta' Ġunju 2016, ksur ta' dan l-artikolu kien suġġett għal piena ta' priġunerija ta' mhux iktar minn sentejn u għal multa ta' EUR 300 000. Barra minn hekk, l-imsemmi artikolu jipprevedi li "l-ammont tal-multa jista' jiżdied, b'mod proporzjonali għall-vantaġġi meħuda mill-ksur, sa 10 % tad-dħul mill-bejgħ medju annwali, ikkalkulat fuq id-dħul mill-bejgħ annwali iġġenerat fl-aħħar tliet snin li jkun magħruf fid-data tal-fatti".

11 Fil-verżjoni tiegħu applikabbli sat-18 ta' Marzu 2014, l-Artikolu L.213-2 tal-Kodiċi tal-Konsumatur kien jipprevedi l-possibbiltà li tiġi rdoppjata l-piena prevista fl-Artikolu L 213-1. Mid-19 ta' Marzu 2014 sat-30 ta' Ġunju 2016, il-pieni normalment previsti setgħu jiżdiedu għal seba' snin ta' priġunerija u għal multa ta' EUR 750 000 (inkluż fil-każ li jkun hemm tentattiv ta' reat). Il-multa wkoll setgħet tiżdied, b'mod proporzjonali għall-vantaġġi meħuda mill-ksur, sa 10 % tad-dħul mill-bejgħ medju annwali, ikkalkolat fuq id-dħul mill-bejgħ annwali iġġenerat fl-aħħar tliet snin li jkun magħruf fid-data tal-fatti.

19. Fil-kuntest tal-fażi tal-approvazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet inkwinanti, il-vetturi jiġu ttestjati skont protokoll li l-parametri tiegħu huma ddefiniti b'mod preċiż permezz ta' regolamenti. Dawn jikkonċernaw b'mod partikolari l-profil ta' veloċità segwit, it-temperatura u l-preparazzjoni tal-vettura minn qabel. Il-profil ta' veloċità użat għall-finijiet tat-test ta' approvazzjoni (in-New European Driving Cycle, bl-akronimu "NEDC") jikkonsisti fir-repetizzjoni ta' erba' ċikli urbani, kif ukoll ta' ċiklu mhux urban, f'laboratorju (u mhux f'kundizzjonijiet reali). Dan it-test ta' approvazzjoni huwa intiż b'mod partikolari li jistabbilixxi jekk il-volum ta' NOx li joħroġ jaqbiżx il-limiti imposti permezz tar-Regolament Nru 715/2007.

20. Il-vetturi inkwistjoni f'din il-kawża għandhom valv tar-riċirkulazzjoni tal-gassijiet tal-egżost (EGR).

21. Il-valv tal-EGR huwa waħda mit-teknoloġiji użati mill-manifatturi ta' vetturi bil-mutur (bħalma hija l-kumpannija X) sabiex jikkontrollaw u jnaqqsu l-emissjonijiet finali ta' NOx. Din hija sistema li tikkonsisti fir-ridirezzjoni ta' parti mill-gassijiet tal-egżost tal-magni b'kombustjoni lejn il-manifold tad-dħul tal-gassijiet, jiġifieri d-dħul ta' arja mgħoddija lill-magna, sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet finali ta' NOx.

22. B'mod iktar preċiż, is-sistema ta' tnaqqis ta' tniġġis permezz tar-riċirkulazzjoni tal-gassijiet tal-egżost hija linja tal-fluss li tippermetti li l-gassijiet tal-egżost (li joħorġu mill-kombustjoni inkompleta tal-karburant) jintbagħtu lejn il-manifold, liema tal-linja tal-fluss ikollha magħha skambjatur tas-sħana li r-rwol tiegħu huwa li jkessaħ il-gassijiet maħruġa u valv tal-EGR li jvarja l-fluss ta' gassijiet maħruġa introdotti mill-ġdid fil-manifold.

23. Il-ftuħ tal-imsemmi valv tal-EGR huwa rregolat mill-kalkolatur li jikkontrolla l-magna. Dan il-kalkolatur huwa sistema tal-informatika inkorporata li tikkontrolla t-tagħmir fiżiku fi ħdan il-vettura. Skont l-informazzjoni mogħtija mis-sensors tiegħu, l-imsemmi kalkolatur jikkontrolla l-attwaturi. Dawn jikkontrollaw l-istat ta' diversi elementi mekkaniċi tal-magna. Il-ftuħ tal-valv tal-EGR (li minnu jiddependi l-volum ta' gass introdott mill-ġdid fil-manifold u, għaldaqstant, il-livell ta' effettività tas-sistema ta' tnaqqis tat-tniġġis) huwa rregolat f'ħin reali mill-kalkolatur li jikkontrolla l-magna li, skont l-informazzjoni miġbura mid-diversi sensors (veloċità, temperatura, eċċ), jibgħat istruzzjonijiet lill-attwatur tal-valv tal-EGR. B'hekk, il-livell ta' ftuħ ta' dan il-valv huwa ddeterminat minn dan l-istess kalkolatur u, fl-aħħar mill-aħħar, mill-kodiċi sors tas-softwer installat fuqu (jiġifieri s-softwer kontenzjuż, fil-kawża li għandna quddiemna [12]).

24. F'din il-kawża, fit-28 ta' Settembru 2015, wara xi pubblikazzjonijiet fl-istampa, il-Viċi President tal-conseil régional d'Île-de-France (il-Kunsill Reġjonali ta' Île-de-France, Franza), responsabbli għat-trasport, ressaq denunzja quddiem il-parquet de Paris (il-Prosekutur ta' Pariġi, Franza) dwar l-aġir tal-kumpannija X fir-rigward tal-valv tal-EGR u tas-softwer kontenzjuż li bihom kienu mgħammra wħud mill-vetturi tagħha.

25. Fit-2 ta' Ottubru 2015, il-Prosekutur ta' Pariġi kklassifika dan l-aġir bħala qerq aggravat u talab lill-Office central de lutte contre les atteintes à l'environnement et à la santé publique (OCLAESP) (l-Uffiċċju Ċentrali għall-Ġlieda Kontra l-Ħsara għall-Ambjent u għas-Saħħa Pubblika) jiftaħ investigazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tat-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni tal-vetturi kkonċernati fis-suq Franċiż.

12 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-kumpannija X irrifjutat li tgħaddi lill-investigaturi l-kodiċi sors ikkonċernat, filwaqt li invokat "raġunijiet ta' kunfidenzjalità".

26. Fl-istess ħin, il-ministère de l'Écologie (il-Ministru għall-Ekoloġija, Franza) talab lis-Service national des enquêtes (SNE) (is-Servizz Nazzjonali għall-Investigazzjoni) fi ħdan id-direction générale de la Concurrence, de la Consommation et de la Répression des Fraudes (DGCCRF) (id-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni, tal-Konsumaturi u għall-Ġlieda kontra l-Frodi, Franza) sabiex jiftaħ investigazzjonijiet bil-għan li jiġi ddeterminat jekk vetturi kkummerċjalizzati fit-territorju Franċiż kinux mgħammra bis-softwer kontenzjuż.

27. Is-SNE fassal rapport, li miegħu ġew annessi r-riżultati tat-testijiet u tal-provi mwettqa mill-Union technique de l'automobile, du motocycle et du cycle (UTAC) (l-Unjoni Teknika tal-Vetturi bil-Mutur, tal-Muturi u tar-Roti, Franza), li hija l-unika laboratorju awtorizzat li jwettaq it-testijiet ta' approvazzjoni ta' vetturi fi Franza. Dawn it-testijiet u dawn il-provi kienu intiżi li jistabbilixxu l-eżistenza eventwali ta' frodi. Minn dan jirriżulta li, f'ċerti vetturi tal-kumpannija X, l-emissjonijiet ta' NOx kienu mmultiplikati, xi drabi bi 3.6, meta mqabbla mal-valuri teoretiċi indikati fl-istadju tal-approvazzjoni tagħhom.

28. Testijiet addizzjonali, imwettqa mill-Institut français du pétrole énergies nouvelles (IFPEN) (l-Istitut Franċiż tal-Petroleum u tal-Enerġiji Ġodda, Franza) fuq tliet vetturi, ippermettew ukoll li jiġi kkonstatat li l-emissjonijiet ta' NOx kienu mnaqqsa speċifikament hekk kif kien jiġi identifikat ċiklu ta' approvazzjoni [13], u dan b'żieda kunsiderevoli fil-ftuħ tal-valv tal-EGR.

29. F'Ottubru 2015, il-Prosekutur ta' Pariġi organizza perkwiżizzjoni fl-uffiċji tas-sussidjarja Franċiża tal-kumpannija X, bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm elementi oġġettivi li jippermettu li jitqies li din l-istess sussidjarja kienet informata dwar l-eżistenza tas-softwer kontenzjuż.

30. F'Jannar 2016, il-President tal-imsemmija sussidjarja nstemgħa fil-kuntest ta' seduta bil-miftuħ. Huwa ddikjara li kien sar jaf bis-softwer kontenzjuż mill-istampa u li ma kienx jaf kif jaħdem. F'dan il-kuntest, il-President ta' din is-sussidjarja speċifika madankollu li l-imsemmi softwer kien jinsab fuq ċerti magni diesel, minn total (bejn wieħed u ieħor) ta' 950 000 vettura fi Franza, li kellhom ikunu s-suġġett ta' sejħa għal aġġornament tal-imsemmi softwer. Huwa żied li ma kienx jirrikonoxxi n-natura frawdolenti ta' dan is-softwer li, skontu, kien intiż "li jottimizza billi jnaqqas l-emissjonijiet ta' NOx".

31. L-investigazzjoni wasslet għall-ftuħ ta' istruttorja ġudizzjarja, li ġiet fdata lill-qorti tar-rinviju u lil żewġt iqrati tal-istruttorja oħra, fid-19 ta' Frar 2016. L-att li jiftaħ l-istruttorja jispeċifika li l-ksur allegat huwa li "mill-1 ta' Settembru 2009, […] bi kwalunkwe mod, anki permezz ta' terz, irrispettivament minn jekk huwiex parti jew le fil-kuntratt, twettaq qerq bix-xerrejja ta' vetturi mgħammra b'magna […] diesel, fir-rigward tal-kwalitajiet essenzjali tal-vetturi u fir-rigward tal-kontrolli mwettqa, marbuta maċ-ċirkustanza li l-fatti wasslu sabiex jagħmlu l-użu tal-merkanzija perikoluż għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali", bi ksur, fost oħrajn, tal-Artikoli L.213-1 u L.213-2 tal-Kodiċi tal-Konsumatur.

32. F'dan l-istadju tal-proċedura kriminali, il-kumpannija X tibbenefika mill-istatus ta' xhud assistit. Imsejħa quddiem il-qrati tal-istruttorja fit-28 ta' Marzu 2017, il-kumpannija X irrifjutat formalment li twieġeb għall-mistoqsijiet li sarulha minnhom. Il-kumpannija X irrifjutat ukoll li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-qrati tal-istruttorja l-elementi ta' investigazzjoni li dawn kienu qegħdin jitolbu (dwar fost oħrajn il-metodoloġiji għall-kalibrazzjoni tal-magni użati mill-kumpannija X).

33. Barra minn hekk, minn meta nfetħet l-istruttorja ġudizzjarja, iktar minn 1 200 persuna rreġistraw ruħhom bħala partijiet ċivili.

13 Ara l-punt 36 ta' dawn il-konklużjonijiet, għal iktar preċiżazzjonijiet f'dan ir-rigward.

34. Fil-kuntest ta' din il-proċedura, tqabbad espert sabiex iwettaq analiżi tar-riżultati tat-testijiet imwettqa mill-awtorità amministrattiva (fi kliem ieħor, it-testijiet imwettqa mill-UTAC u mill-IFPEN) u sabiex iwettaq kull analiżi teknika oħra, bil-għan li jiddeskrivi l-mekkaniżmu tas-softwer kontenzjuż u li jesponi l-effetti tiegħu fir-rigward taż-żieda tal-emissjoni ta' NOx mill-vetturi mgħammra bih.

35. Fir-rapport tiegħu ppreżentat fis-26 ta' April 2017 (iktar 'il quddiem ir-"rapport perizjali"), l-espert irrileva li, skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, is-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet kellhom ikunu operazzjonali matul il-funzjonament normali tal-vettura. Jidher li, f'kundizzjonijiet ta' sewqan normali, fil-vetturi eżaminati, il-valv tal-EGR ma kienx irregolat b'mod konformi mal-mod li jikkorrispondi mal-approvazzjoni. Il-mod ta' operazzjoni normali ma kienx jippermetti, kif juru t-testijiet imwettqa mill-UTAC, li jiġu osservati l-limiti massimi statutorji fil-qasam tat-tniġġis. Fl-assenza ta' identifikazzjoni taċ-ċiklu ta' approvazzjoni u fl-assenza ta' din il-modulazzjoni tal-funzjonament tal-valv tal-EGR, għall-vetturi inkwistjoni ftit li xejn kien possibbli li josservaw dawn il-limiti f'kundizzjonijiet ta' użu normali. L-effettività tas-sistema ta' tnaqqis tat-tniġġis kienet għalhekk limitata f'sitwazzjoni reali.

36. L-espert għalhekk ikkonkluda li kien hemm apparat li jippermetti li jiġi identifikat iċ-ċiklu ta' approvazzjoni u li jiġi aġġustat il-funzjonament tas-sistema ta' riċirkulazzjoni tal-gassijiet tal-egżost (is-"sistema tal-EGR") fil-kuntest ta' din l-approvazzjoni. L-eżistenza ta' dan l-apparat jimplika żieda fl-emissjonijiet ta' NOx tal-vetturi li jkunu qegħdin jinsaqu f'sitwazzjoni normali. L-espert speċifika wkoll li, li kieku l-funzjonament tal-valv tal-EGR f'sitwazzjoni reali kien konformi ma' dak li jipprevali matul it-testijiet ta' approvazzjoni, dawn il-vetturi kienu jipproduċu, b'mod partikolari f'ċirkulazzjoni urbana, ferm inqas NOx (*madwar 50 % inqas*), iżda probabbilment ftit iktar (*madwar 5 % iktar*) monossidu tal-karbonju, idrokarburi mhux maħruqa u dijossidu tal-karbonju, bħala korrispettiv[14]. Kien hemm probabbilment tnaqqis marġinali fis-saħħa ta' dawn il-vetturi. L-interventi ta' manteniment kienu iktar frekwenti u kienu jinvolvu iktar spejjeż minħabba, fost oħrajn, li jinġabar iktar ħmieġ fil-magna.

37. Fl-aħħar nett, l-espert speċifika li s-sistema tal-EGR hija apparat għall-kontroll tat-tniġġis, fis-sens li din is-sistema tinsab fil-magni għall-iskop esklużiv li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' NOx, li t-tnaqqis fil-ftuħ tagħha jnaqqas l-effettività tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet u jissarraf f'iktar emissjonijiet ta' NOx, u li dan it-tnaqqis huwa effettivament ikkonstatat f'kundizzjonijiet normali ta' użu tal-vetturi. Min-naħa l-oħra, it-tnaqqis tal-ftuħ tal-valv tal-EGR isarraf, fil-prattika, f'kapaċità ta' aċċellerazzjoni ikbar tal-magna u f'potenzjal ikbar ta' saħħa. Dan it-tnaqqis iwassal ukoll għal inqas ġbir ta' ħmieġ fil-manifold, fil-valvs u fil-kompartiment tal-kombustjoni, u b'hekk jikkontribwixxi għall-ħajja fit-tul u għall-affidabbiltà tal-magna.

38. Fid-dawl ta' dawn l-elementi tekniċi, il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-mekkaniżmu legali tal-qerq – jekk jiġi kkonstatat – jikkonsisti fil-fatt li x-xerrejja tal-vetturi kkonċernati kienu tqarrqu fir-rigward tal-kwalitajiet sostanzjali ta' dawn tal-aħħar, jiġifieri n-nuqqas ta' konformità tagħhom mar-Regolament Nru 715/2007, li jirriżulta mill-preżenza, f'dawn il-vetturi, ta' apparat ta' manipulazzjoni fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 3 u tal-Artikolu 5(2) tal-imsemmi regolament, li jikkonsisti fl-ipprogrammar tal-kalkolatur tal-magna li jaġixxi fuq il-valv tal-EGR, b'mod li jiġi identifikat iċ-ċiklu ta' approvazzjoni sabiex is-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet ta' NOx tiġi attivatà b'mod iktar qawwi matul dan iċ-ċiklu, u mhux f'kundizzjonijiet ta' użu normali.

39. Skont il-qorti tar-rinviju, il-qerq huwa marbut ma' ċirkustanza aggravanti, fis-sens li l-użu tal-vetturi kien perikoluż għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, minħabba li l-gassijiet tal-egżost tal-magni diesel ġew ikklassifikati bħala karċinoġeniċi mis-Centre international de recherche sur le cancer (CIRC) (iċ-Ċentru Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer) fl-2012.

14 Ara l-paġna 76 tar-rapport perizjali.

40. Il-qorti tar-rinviju tfakkar li l-apparat użat sabiex jaġixxi fuq il-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet jista' jkollu diversi forom. Id-definizzjoni ta' "apparat ta' manipulazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007, jinkludi diversi kunċetti li għadhom ma kinux is-suġġett ta' interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

41. Peress li l-klassifikazzjoni bħala qerq, kif ikkunsidrata fil-kuntest ta' din il-kawża, hija bbażata fuq il-klassifikazzjoni bħala "apparat ta' manipulazzjoni", il-qorti tar-rinviju tqis li għandha bżonn ta' kjarifika dwar il-portata tad-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq sabiex tieħu deċiżjoni kemm dwar l-eventwali tqegħid tal-kumpannija X taħt eżami u kemm dwar it-tqegħid tagħha taħt att ta' akkuża wara l-istruttorja.

42. Fid-dawl tal-punti preċedenti, il-vice-président chargé de l'instruction du tribunal de grande instance de Paris (il-Viċi President Responsabbli għall-Istruttorja tal-Qorti Reġjonali ta' Pariġi) iddeċieda li jagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Interpretazzjoni tal-kunċett ta' element tad-disinn

a) X'inhu kopert mill-kunċett ta' element ta' disinn imsemmi [fil-punt 10 tal-Artikolu 3] tar-[Regolament Nru 715/2007], li jiddefinixxi t-tagħmir ta' riduzzjoni (defeat device) [apparat ta' manipulazzjoni]?

b) Programm integrat fil-kalkolatur li jikkontrolla magna jew b'mod iktar ġenerali li jaġixxi fuq dan il-kalkolatur jista' jitqies bħala element ta' disinn fis-sens ta' dan l-artikolu?

2) Interpretazzjoni tal-kunċett ta' sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet

a) X'inhu kopert mill-kunċett ta' sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet imsemmi [fil-punt 10 tal-Artikolu 3] tar-[Regolament Nru 715/2007], li jiddefinixxi t-tagħmir ta' riduzzjoni (defeat device)?

b) Din is-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet tinkludi biss it-teknoloġiji u l-istrateġiji intiżi biex jittrattaw u jnaqqsu l-emissjonijiet (b'mod partikolari NOx) wara li dawn jinħolqu, jew tinkludi fiha wkoll it-teknoloġiji u strateġiji differenti li jippermettu li tiġi limitata l-produzzjoni tagħhom mill-bidu, bħat-teknoloġija EGR?

3) Interpretazzjoni tal-kunċett ta' tagħmir ta' riduzzjoni (defeat device)

a) Dispożittiv li jidentifika kull parametru marbut mal-iżvolġiment tal-proċeduri ta' approvazzjoni stabbiliti bir-[Regolament Nru 715/2007], għall-finijiet ta' attivazzjoni jew ta' aġġustament 'il fuq, matul dawn il-proċeduri, tal-funzjonament ta' kull parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, u b'hekk tinkiseb l-approvazzjoni tal-vettura, huwa tagħmir ta' riduzzjoni fis-sens tal-[punt 10 tal-Artikolu 3] tar-[Regolament Nru 715/2007]?

b) F'każ ta' risposta fl-affermattiv, dan it-tagħmir ta' riduzzjoni huwa pprojbit, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(2) tar-[Regolament Nru 715/2007]?

c) Dispożittiv bħal dak deskritt fil-punt (a) tat-tielet domanda jista' jiġi kkwalifikat bħala 'tagħmir ta' riduzzjoni' jekk l-aġġustament 'il fuq tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet tkun effettiva, mhux biss waqt il-proċeduri ta' approvazzjoni, iżda anki f'ċirkustanzi speċifiċi, meta l-kundizzjonijiet eżatti identifikati biex is-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet tiġi aġġustata 'l fuq matul il-proċeduri ta' approvazzjoni jerġgħu jiġu identifikati matul iċ-ċirkulazzjoni reali?

4) Interpretazzjoni tal-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 5

a) X'inhu kopert mit-tliet eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2) tal-Kapitolu 2 tar-[Regolament Nru 715/2007]?

b) Il-projbizzjoni tat-tagħmir ta' riduzzjoni (defeat device) li jattiva jew jaġġusta 'l fuq il-funzjonament ta' kull parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet b'mod speċifiku waqt il-proċeduri ta' approvazzjoni tista' tiġi injorata għal xi waħda mit-tliet raġunijiet elenkati fl-Artikolu 5(2)?

c) It-tnaqqis tal-proċess li bih magna teqdiem jew tinstadd jifforma parti mir-rekwiżiti ta' 'protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti' jew ta' 'tħaddim fis-sigurtà tal-vettura' li jistgħu jiġġustifikaw il-preżenza ta' 'defeat device' fis-sens tal-Artikolu 5(2)(a)?"

43. Il-Gvern Franċiż, il-Gvern Taljan, uħud mill-partijiet fil-kawża prinċipali (il-kumpannija X u l-partijiet ċivili A *et*) u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

44. L-imsemmija gvernijiet, uħud mill-partijiet fil-kawża prinċipali (il-kumpannija X u l-partijiet ċivili A, B, AGLP u C *et*) kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw ukoll osservazzjonijiet orali matul is-seduta għas-sottomissjonijiet orali organizzata fis-7 ta' Novembru 2019.

## Analiżi

### *Osservazzjonijiet preliminari*

45. Jidhirli li huwa opportun li, qabel kollox, nesponi b'mod iktar iddettaljat il-qafas regolamentari tal-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

46. Fid-dritt tal-Unjoni, l-approvazzjoni tat-tipi ta' vetturi bil-mutur hija s-suġġett ta' leġiżlazzjoni ddettaljata li l-bażi legali tagħha tinsab fid-dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern (attwalment l-Artikolu 114 TFUE).

47. Id-Direttiva 2007/46 tistabbilixxi qafas armonizzat li jinkludi d-dispożizzjonijiet amministrattivi, kif ukoll ir-rekwiżiti tekniċi ta' natura ġenerali applikabbli għall-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur ġodda kollha (żgħar jew kbar) li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

48. Fis-settur tal-vetturi bil-mutur, kull leġiżlazzjoni qafas tistabbilixxi b'hekk il-proċedura u l-konsegwenzi legali tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura. Il-kundizzjonijiet sostantivi applikabbli għall-approvazzjoni tat-tip huma, min-naħa tagħhom, is-suġġett ta' strumenti regolamentari separati.

49. L-approvazzjoni tat-tip taħdem b'dan il-mod: il-manifattur jippreżenta prototip ta' vettura lill-awtoritajiet kompetenti sabiex juri li dan il-prototip jissodisfa l-kundizzjonijiet sostantivi kollha stabbiliti fl-atti leġiżlattivi msemmija fl-Anness IV tad-Direttiva 2007/46. Meta l-approvazzjoni tat-tip tingħata mill-awtorità amministrattiva kompetenti, il-manifattur jibda l-produzzjoni tat-tip ta' vettura inkwistjoni. Kull vettura li tiġi mmanifatturata konformement mat-tip approvat tista' titqiegħed fis-suq mingħajr ma jkunu meħtieġa testijiet addizzjonali.

50. F'dan il-kuntest, ir-rekwiżiti tekniċi armonizzati dwar l-emissjonijiet huma speċifikati fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 715/2007. Dan tal-aħħar jobbliga lill-manifatturi jgħammru l-vetturi tagħhom b'mod li dawn ikunu, *f'użu normali*, konformi mar-rekwiżiti tal-imsemmi regolament u tad-dispożizzjoni ta' implimentazzjoni tiegħu.

51. L-Artikolu 5(2) tal-imsemmi regolament jiddisponi wkoll, bla ħsara għal ċerti eċċezzjonijiet previsti b'mod limitat, li l-użu ta' "apparat ta' manipulazzjoni" (iddefinit fil-punt 10 tal-Artikolu 3 ta' dan l-istess regolament) huwa pprojbit.

52. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 715/2007, il-vetturi għandhom jiġu ddisinjati mhux biss b'mod li josservaw, *f'użu normali*, il-limiti ffissati mir-Regolament, iżda wkoll b'mod li l-effettività tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet tagħhom ma tkunx tista' titnaqqas "taħt kondizzjonijiet li wieħed raġonevolment jistenna li jiltaqa' magħhom waqt it-tħaddim u l-użu normali ta' vettura" [15].

53. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 715/2007, il-Kummissjoni pprevediet, fir-Regolament Nru 692/2008, proċeduri ta' eżami f'laboratorji speċifiċi li permezz tagħhom il-manifatturi jistgħu jistabbilixxu, sabiex jiksbu approvazzjoni tat-tip, li tip ġdid ta' vetturi josserva l-limiti previsti f'termini ta' emissjonijiet.

54. F'dan il-każ, il-kejl ta' emissjonijiet previsti mill-proċedura ta' eżami kien ibbażat fuq l-uniku ċiklu ta' sewqan li kien applikabbli dak iż-żmien, jiġifieri n-NEDC (kif iddefinit iktar 'il fuq) [16]. Dawn huma testijiet standardizzati, imwettqa f'laboratorju, u mhux f'kundizzjonijiet reali – ħaġa din li tagħmilhom iktar esposti għal manuvri maħsuba għall-identifikazzjoni tat-test u għat-teħid ta' miżuri sabiex jiġu evitati r-regoli.

### *Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari*

55. Qabel ngħaddi għall-eżami fil-mertu tad-domandi ssottomessi għall-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa meħtieġ li nistabbilixxi l-ammissibbiltà tagħhom.

56. Ċerti partijiet fil-kawża prinċipali (A *et*) sostnew, fl-osservazzjonijiet tagħhom, li l-klassifikazzjoni bħala "apparat ta' manipulazzjoni" tikkonċerna biss ir-regolarità tal-approvazzjoni tal-vetturi. Irrispettivament minn jekk tiġix stabbilita jew le, hija mhux ser ikollha impatt fuq l-eżistenza tal-qerq dwar il-"kwalitajiet sostanzjali" jew dwar il-kontrolli mwettqa. Fil-fatt, skont dawn il-partijiet, il-Kodiċi tal-Konsumatur jikkundanna l-qerq "bi kwalunkwe mezz jew aġir": għalhekk, il-kwistjoni ta' jekk hemmx ksur jew le tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 715/2007 hija irrilevanti. B'hekk, id-domandi preliminari ma humiex utli għall-finijiet tar-riżoluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali [17].

57. Il-kumpannija X issostni wkoll li dawn id-domandi preliminari huma inutli għar-riżoluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali. Skontha, din it-tilwima (kif ippreżentata fid-deċiżjoni tar-rinviju) tikkonsisti fid-determinazzjoni ta' jekk hija tistax titqiegħed taħt eżami minħabba qerq u ta' jekk tistax minħabba f'hekk titqiegħed taħt att ta' akkuża. Il-kumpannija X issostni li, fid-dritt kriminali Franċiż, ir-reat ta' qerq jeħtieġ il-preżenza ta' element materjali u ta' element intenzjonali, li l-eżistenza tagħhom ma hijiex ċerta f'din il-kawża. Il-kumpannija X issostni li, irrispettivament mir-risposta li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tagħti lid-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju, hija fl-ebda każ ma tista' titqiegħed taħt eżami (u lanqas, *a fortiori*, ma tista' titqiegħed taħt att ta' akkuża).

58. Barra minn hekk, il-kumpannija X tinvoka l-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*: fl-assenza ta' test li jinkrimina espliċitament il-fatti mwettqa f'dan il-każ, hija ma tistax tkun is-suġġett ta' kundanna għal qerq.

15 Hawnhekk qiegħda nirreferi għall-formulazzjoni tal-aħħar parti tal-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007.

16 Ara l-punt 19 ta' dawn il-konklużjonijiet. Minn dak iż-żmien, it-testijiet fil-laboratorji ġew immodernizzati u kkompletati bi proċedura ta' eżami oħra għall-kejl tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali (bl-Ingliż "real driving missions" jew "RDE").

17 Matul is-seduta, l-avukat tal-partijiet A *et* madankollu deher li kien qiegħed jirtira din l-affermazzjoni meta indika li ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li jikkontesta l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari u li l-klassifikazzjoni bħala "apparat ta' manipulazzjoni" kienet issaħħaħ il-karatterizzazzjoni tal-ksur kriminali, filwaqt li ma kinitx intrinsikament neċessarja għall-istabbiliment tal-eżistenza tal-imsemmi ksur.

59. Barra minn hekk, il-kumpannija X tallega li, f'dan l-istadju, ma hemm *ebda* tilwima quddiem il-qorti tar-rinviju marbuta mad-domandi magħmula, għar-raġuni li hija għadha ma esprimitx il-pożizzjoni tagħha [18], oralment jew bil-miktub, dwar dawn l-istess domandi quddiem il-qorti tar-rinviju. Dawn id-domandi ma huma xejn ħlief sempliċi talba għal opinjoni konsultattiva dwar regoli tad-dritt tal-Unjoni, mingħajr rabta ma' ebda tilwima. F'dan ir-rigward, dawn l-istess domandi huma purament ipotetiċi. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, tar-raba' domanda preliminari, li tikkonċerna l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007, li l-kumpannija X qatt ma kienet invokat sal-lum, fil-kuntest tal-proċedura pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju.

60. Barra minn hekk, skont il-kumpannija X, id-domandi preliminari magħmula ma kinux is-suġġett ta' dibattitu kontradittorju qabel tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u dan imur kontra l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

61. Fl-aħħar nett, matul is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, il-kumpannija X sostniet ukoll li d-domandi preliminari magħmula kienu "prematuri", għaliex l-evalwazzjonijiet imwettqa sal-lum (u riflessi, fost oħrajn, fir-rapport perizjali) ma jippermettux li jiġi ddefinit il-qafas fattwali tat-tilwima bi preċiżjoni suffiċjenti.

62. Fil-fehma tiegħi, l-argumenti mressqa mill-partijiet A *et*, kif ukoll mill-kumpannija X, għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

63. L-ewwel nett, għandu jiġi osservat li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn din tal-aħħar u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li tkun adita bit-tilwima u li jkollha tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja li ser tingħata li għandha tevalwa, fid-dawl tal-partikolaritajiet tal-kawża, kemm il-bżonn ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti d-deċiżjoni tagħha u kemm ir-rilevanza tad-domandi li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, meta d-domandi magħmula jkunu dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija bħala prinċipju meħtieġa tagħti deċiżjoni [19].

64. Fil-qosor, u għalkemm din il-kwistjoni ma tqajmitx mill-partijiet fil-kawża prinċipali, infakkar ukoll li, skont ġurisprudenza stabbilita, "l-qrati tal-istruttorja fil-qasam kriminali jew il-maġistrat li jeżerċita l-istruttorja kriminali huma qrati fis-sens tal-[Artikolu 267 TFUE], li huma meħtieġa jiddeċiedu b'mod indipendenti u skont id-dritt, dwar il-kawżi li fir-rigward tagħhom il-liġi tagħthom kompetenza, fil-kuntest ta' proċedura li ser twassal għal deċiżjonijiet ta' natura ġudizzjarja" [20].

65. Minn dan isegwi li d-domandi li jikkonċernaw id-dritt tal-Unjoni jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss jekk jidher *b'mod manifest* li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha [21].

18 Il-kumpannija X tikkontesta, f'dan ir-rigward, li wieħed jista' jinvoka nota legali stabbilita fuq talba tagħha mill-uffiċċju ta' avukati Freshfields Bruckhaus Deringer, f'Diċembru 2015 – nota li ntbagħtet lill-investigaturi qabel il-ftuħ formali tal-istruttorja ġudizzjarja u li kienet intiża li turi għaliex is-sistema tal-EGR ma setgħetx titqies li hija "apparat ta' manipulazzjoni".

19 Ara s-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, Minister for Justice and Equality u Commissioner of An Garda Síochána (C-378/17, EU:C:2018:979, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 Digriet tal-15 ta' Jannar 2004, Saetti u Frediani (C-235/02, EU:C:2004:26, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Ara s-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, Minister for Justice and Equality u Commissioner of An Garda Síochána (C-378/17, EU:C:2018:979, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66. F'din il-kawża, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta b'mod ċar li l-klassifikazzjoni tas-softwer kontenzjuż (li jiddetermina l-livell ta' ftuħ tal-valv tal-EGR u, għalhekk, il-livell ta' emissjonijiet finali ta' NOx) bħala "apparat ta' manipulazzjoni" fid-dawl tal-punt 10 tal-Artikolu 3 u tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007 jista' jkollha impatt fuq il-konstatazzjoni ta' ksur fid-dritt kriminali Franċiż (jiġifieri qerq aggravat, skont l-Artikoli L.213-1 u L.213-2 tal-Kodiċi tal-Konsumatur). L-argumenti tal-partijiet A *et* u tal-kumpannija X dwar l-inutilità tad-domandi magħmula għandhom għalhekk jiġu miċħuda, peress li d-domandi magħmula għandhom relazzjoni manifesta mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali.

67. Għalkemm l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 715/2007 jista' jkollha impatt fuq il-konstatazzjoni tal-ksur, l-argumenti bbażati fuq id-dritt kriminali Franċiż invokati mill-kumpannija X (b'mod partikolari dwar l-eżistenza tal-element materjali u/jew intenzjonali) ma jistgħux, madankollu, jiġu kkunsidrati. Dawn l-argumenti huma irrilevanti għall-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tad-domandi preliminari (mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni) u jikkonċernaw kwistjonijiet li jaqgħu esklużivament fil-ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju [22].

68. L-argumenti dwar il-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* huma wkoll, min-naħa tagħhom, irrilevanti peress li r-regolament imsemmi iktar 'il fuq jirregola l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur u ma jistabbilixxix, bħala tali, regoli ta' natura kriminali.

69. Fir-rigward tan-natura allegatament ipotetika tad-domandi preliminari, l-argumenti tal-kumpannija X lanqas ma huma konvinċenti.

70. Il-fatt li l-istrateġija proċedurali tal-kumpannija X quddiem il-qorti tar-rinviju hija li ma tagħtix tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-investigaturi, li tirrifjuta li tikkomunika l-kodiċi sors tas-softwer kontenzjuż jew li tinnega n-natura frawdolenti ta' dan tal-aħħar ma jippermettix li tiġi stabbilita l-assenza ta' tilwima: għall-kuntrarju, jiena iktar naħseb li din l-istrateġija turi l-eżistenza ta' kontroversja reali, li għandha interess fundamentali għall-eżitu tal-proċedurali kriminali pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju.

71. Fir-rigward b'mod partikolari tar-raba' domanda preliminari (li tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni ta' apparat ta' manipulazzjoni prevista fl-Artikolu 5(2) tar-regolament imsemmi iktar 'il fuq), il-kumpannija X allegat li hija qatt ma invokat l-imsemmija eċċezzjonijiet quddiem il-qorti tar-rinviju, b'tali mod li d-domanda msemmija hija ipotetika. Madankollu, meta sarulha mistoqsijiet dwar dan il-punt mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-kumpannija X ammettiet, b'mod ċar ħafna, li hija ma kinitx qiegħda teskludi l-possibbiltà li tinvoka tali eċċezzjonijiet fi stadju iktar tard, matul il-proċedura pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju. Din l-ammissjoni turi wkoll, fil-fehma tiegħi, kif dawn id-domandi ma humiex "sempliċi talba għal opinjoni konsultattiva" dwar kwistjonijiet purament ipotetiċi.

72. Fir-rigward tal-assenza ta' dibattitu kontradittorju quddiem il-qorti tar-rinviju, nosserva biss li l-Artikolu 267 TFUE ma jissuġġettax it-tressiq ta' talba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għan-natura kontradittorja tal-proċedura li matulha l-qorti nazzjonali tagħmel domanda preliminari [23]. Fuq din il-bażi, l-argument imressaq mill-kumpannija X għandu jiġi miċħud ukoll.

22 Ara s-sentenza tat-13 ta' Novembru 2018, Čepelnik (C-33/17, EU:C:2018:896, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Ara s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2009, Roda Golf & Beach Resort (C-14/08, EU:C:2009:395, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

73. Fl-aħħar nett, fir-rigward tan-natura allegatament prematura tad-domandi preliminari magħmula f'din il-kawża, nosserva li hija biss il-qorti tar-rinviju li għandha tiddeċiedi dwar il-mument li fih tagħżel li tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja [24]. Nosserva wkoll li l-argumenti tal-kumpannija X dwar dan l-aspett ftit huma konvinċenti fil-fehma tiegħi. Il-fatti li wasslu għat-tilwima fil-kawża prinċipali ġew żvelati fl-2015 u kienu s-suġġett ta' diversi evalwazzjonijiet tekniċi (evalwazzjonijiet li huma stess kienu s-suġġett ta' eżami ddettaljat, li l-konklużjonijiet tiegħu jinsabu fir-rapport perizjali). F'dan ir-rigward, insibha diffiċli nsostni (kif għamlet il-kumpannija X matul is-seduta) "li ebda qafas fattwali preċiż ma ġie stabbilit f'dan l-istadju". Għall-kuntrarju, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li sarulha.

74. Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-fehma li l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari hija stabbilita.

### *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

75. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha (komposta minn żewġ partijiet li għandhom jiġu eżaminati flimkien), il-qorti tar-rinviju tixtieq li jiġi ddeterminat – essenzjalment – jekk programm integrat fil-kalkolatur ta' kontroll tal-magna jew, b'mod iktar ġenerali, li jaġixxi fuq dan il-kalkolatur jistax jitqies li huwa "element ta' disinn" fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007.

76. Fil-fehma tiegħi, din id-domanda teħtieġ risposta fl-affermattiv.

77. Il-kunċett ta' "apparat ta' manipulazzjoni" li jinsab fil-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-regolament imsemmi iktar 'il fuq ikopri *kull* element ta' disinn "li jħoss it-temperatura, il-veloċità tal-vettura, id-dawrien tal-magna (RPM), it-transmission gear, il-vakwu fil-manifold jew parametru ieħor bl-iskop li jattiva, jimmodula, jittardja jew iwaqqaf il-funzjonament ta' xi parti mis-sistema ta' kontroll ta' l-emissjonijiet, li tnaqqas l-effettività tas-sistema ta' kontroll ta' l-emissjonijiet taħt kondizzjonijiet li wieħed raġonevolment jistenna li jiltaqa' magħhom waqt it-tħaddim u l-użu normali ta' vettura".

78. Kif irrileva ġustament il-Gvern Franċiż, tali definizzjoni tagħti portata wiesgħa lill-kunċett ta' element ta' disinn. Tali element jista' jkun ikkostitwit kemm minn partijiet mekkaniċi u kemm minn softwer tal-informatika li jirregola l-attivazzjoni ta' tali partijiet, kemm-il darba jaġixxi fuq il-funzjonament tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet u kemm-il darba jnaqqas l-effettività tagħha. Mill-bqija, din hija wkoll il-pożizzjoni difiża mill-kumpannija X fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha.

79. Nispeċifika li dan għandu jkun element *li joriġina mill-manifattur* tal-vettura. Peress li dan huwa softwer inkorporat, ma tagħmilx differenza jekk dan ikunx installat qabel il-bejgħ tal-vettura jew imniżżel iktar tard, fil-kuntest ta' aġġornament (impost jew irrakkomandat mill-imsemmi manifattur): għall-kuntrarju, ma jistax ikun element installat *fuq l-inizjattiva biss tal-proprjetarju jew tal-utent tal-vettura*, mingħajr rabta mal-manifattur.

80. Għaldaqstant, l-ewwel domanda preliminari għandha tingħata r-risposta segwenti: il-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li programm integrat fil-kalkolatur ta' kontroll tal-magna jew, b'mod iktar ġenerali, li jaġixxi fuq dan il-kalkolatur jista' jitqies li huwa "element ta' disinn" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, kemm-il darba jkun jagħmel parti integrali mill-imsemmi kalkolatur.

24 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, il-fatt li kawża kriminali tkun fl-istadju tal-istruttorja ma jipprekludix li l-qorti adita tagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja: ara d-digriet tal-15 ta' Jannar 2004, Saetti u Frediani (C-235/02, EU:C:2004:26, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għal żviluppi iktar iddettaljati ara wkoll: Von Bardeleben, E., Donnat, F. u Siritzky, D., *La Cour de justice de l'Union européenne et le droit du contentieux européen*, La Documentation française, Pariġi, 2012, p. 179 u 180.

## *Fuq it-tieni domanda preliminari*

81. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha (komposta minn żewġ partijiet li ser neżamina flimkien), il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet" ikopri esklużivament it-teknoloġiji u l-istrateġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet fi stadju sussegwenti (wara l-ħolqien tagħhom) jew jekk, għall-kuntrarju, dan il-kunċett jinkludix ukoll it-teknoloġiji u l-istrateġiji li, bħas-sistema tal-EGR, inaqqsu l-emissjonijiet fi stadju preċedenti (mal-ħolqien tagħhom).

82. Fil-fatt, hemm żewġ kategoriji ġenerali ta' metodi li jippermettu lill-manifatturi jottimizzaw ir-rendiment tal-vetturi tagħhom fir-rigward tal-emissjonijiet inkwinanti: minn naħa, l-istrateġiji msejħa "interni għall-magna" (bħas-sistema tal-EGR), li jikkonsistu fit-tnaqqis tal-ħolqien ta' gassijiet inkwinanti fil-magna stess, u, min-naħa l-oħra, l-istrateġiji msejħa "ta' trattament sussegwenti", li jikkonsistu fit-trattament tal-emissjonijiet wara l-ħolqien tagħhom (pereżempju, is-sistema katalitika li taqbad NOx).

83. Il-kumpannija X tiddefendi interpretazzjoni restrittiva ħafna tal-kunċett ta' "sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet". Skontha, dan il-kunċett jista' jirreferi biss għall-komponenti dwar l-emissjonijiet li jinsabu *fis*-sistema tal-egżost, bl-esklużjoni tal-istrateġiji interni għall-magna. Din l-interpretazzjoni hija bbażata (essenzjalment) fuq l-Artikolu 2(18) tar-Regolament Nru 692/2008 li jipprovdi, fil-kuntest tas-sistema OBD, li s-"sistema għall-kontroll ta' l-emissjonijiet" tfisser "il-kontrollur elettroniku tal-ġestjoni tal-magna u kwalunkwe komponent relatat ma' l-emissjonijiet *fis*-sistema ta' l-egżost [...] li jipprovdi input għal jew jirċievi output minn dan il-kontrollur" [25].

84. Jiena ma naqbilx mal-analiżi tal-kumpannija X.

85. Nibda billi nirrileva li l-kunċett ta' "sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet" ma huwiex iddefinit fir-Regolament Nru 715/2007.

86. Sabiex jiġi kkjarifikat il-portata tiegħu, għandu jsir riferiment għall-kriterji ta' interpretazzjoni stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja. Infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, "ma għandhomx jiġu kkunsidrati biss kliemha iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha hija tagħmel parti" [26].

### *Interpretazzjoni letterali*

87. Fuq livell letterali, "sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet" hija komponent ta' vettura intiża tikkontrolla l-emissjonijiet tal-vettura.

88. F'dan ir-rigward, nosserva li għalhekk is-sistema tal-EGR tista' *a priori* taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-kunċett peress li l-għan tagħha huwa li tnaqqas l-emissjonijiet finali ta' NOx. Ir-rapport perizjali anness mad-deċiżjoni tar-rinviju jindika b'mod ċar li s-sistema tal-EGR "hija installata fuq il-magni *bil-għan biss li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' NOx*" u li "l-gassijiet li jiċċirkulaw permezz tas-sistema tal-EGR huma fl-aħħar mill-aħħar mormija fl-atmosfera" [27]. Din hija effettivament "apparat għall-kontroll tal-emissjonijiet ta' NOx" [28].

25 Il-korsiv huwa miżjud minni.

26 Ara s-sentenza tas-7 ta' Frar 2018, American Express (C-304/16, EU:C:2018:66, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Din l-affermazzjoni tinsab fil-paġna 65 tar-rapport perizjali (il-korsiv huwa miżjud minni). Nosserva, għal kull fini utli, li din l-affermazzjoni ma ġietx ikkontestata mill-kumpannija X.

28 Ara l-paġna 66 (punt 8.5) tar-rapport perizjali.

89. Din hija wkoll il-pożizzjoni difiża mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha fejn tosserva (fil-fehma tiegħi ġustament) li s-sistema tal-EGR tagħmel manifestament parti minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet peress li tippermetti li jiġi kkontrollat il-volum tal-imsemmija emissjonijiet skont parametri stabbiliti minn qabel, billi tintroduċi mill-ġdid volum ikbar jew inqas ta' gassijiet tal-egżost fis-sistema tal-manifold tal-magna [29].

90. Il-Gvern Franċiż, il-Gvern Taljan kif ukoll il-partijiet ċivili li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub jew sottomissjonijiet orali matul is-seduta invokaw interpretazzjoni simili.

91. Għall-kuntrarju tal-kumpannija X, jiena ma naħsibx li din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet" hija estensiva wisq jew hija ta' natura li tinkludi kwalunkwe komponent ta' vettura li jkollu xi tip jew ieħor ta' impatt fuq il-volum tal-emissjonijiet inkwinanti. Matul is-seduta, il-kumpannija X sostniet li s-sistema ta' ftuħ elettroniku tat-twieqi jew is-sistema ta' klimatizzazzjoni wkoll għandhom impatt fuq l-emissjonijiet tal-vettura, mingħajr madankollu ma jista' jingħad li dawn huma "sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet". Fil-fehma tiegħi dawn l-eżempji ma humiex rilevanti: l-għan tal-mekkaniżmi msemmija mill-kumpannija X ma huwiex li jillimitaw l-emissjonijiet ta' NOx, meta dan huwa preċiżament *l-għan* tas-sistema tal-EGR [30]. Hija proprju din id-differenza fl-għan li, fil-fehma tiegħi, tiġġustifika l-kategorizzazzjoni tas-sistema EGR bħala sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet [31].

*Interpretazzjoni kuntestwali*

92. Fuq livell kuntestwali, għandhom jiġu eżaminati fl-ewwel lok id-dispożizzjonijiet l-oħra tar-Regolament Nru 715/2007, sabiex jiġi stabbilit jekk dawn jistgħux jikkontribwixxu għal risposta utli.

93. L-Artikolu 4(2) tar-Regolament jimponi fuq il-manifatturi *obbligu f'termini ta' riżultat*: huma għandhom jiżguraw li l-miżuri tekniċi adottati *jiggarantixxu* limitazzjoni effettiva tal-emissjonijiet mill-pajp tal-egżost. Il-punt 6 tal-Artikolu 3 jiddefinixxi l-kunċett ta' "emissjonijiet mill-pajp tal-egżost" bħala emissjonijiet ta' gassijiet inkwinanti u ta' partikuli, mingħajr ebda preċiżazzjoni oħra.

94. Għaldaqstant, la l-Artikolu 4(2) u lanqas il-punt 6 tal-Artikolu 3 ma jispeċifikaw f'liema stadju tal-funzjonament tal-vettura (jew permezz ta' liema mezz tekniku) dawn l-emissjonijiet għandhom jiġu mmodulati jew imnaqqsa.

95. Minn aspett teknoloġiku, ir-Regolament Nru 715/2007 huwa newtrali, sa fejn ma jimponix soluzzjoni teknoloġika partikolari. Huwa jiffissa biss għan li għandu jintlaħaq fir-rigward tal-limitazzjoni tal-emissjonijiet, li min-naħa tagħhom *jitkejlu mal-ħruġ mill-pajp tal-egżost*.

29 F'dan ir-rigward, il-fatt li, filwaqt li tnaqqas b'mod sostanzjali l-volum ta' NOx, l-attivazzjoni tal-valv tal-EGR tista' żżid *b'mod marġinali* tipi oħra ta' emissjonijiet (monossidu tal-karbonju jew partikuli) huwa irrilevanti: nirreferi hawnhekk għad-data fil-forma ta' ċifri msemmija fil-punt 36 ta' dawn il-konklużjonijiet.

30 Il-kumpannija X sostniet ukoll li, għal finijiet ta' prevedibbiltà, kellha tingħata interpretazzjoni restrittiva, u dan għaliex il-proċedura (ineżami) hija intiża li tistabbilixxi ksur kriminali. Kif osservajt fil-punt 68 ta' dawn il-konklużjonijiet, dan l-aspett huwa irrilevanti: ir-Regolament Nru 715/2007 ma jinkludi ebda dispożizzjoni kriminali.

31 Fil-fehma tiegħi, is-sistema tal-EGR taqa' kemm taħt il-kategorija usa' ta' "komponenti li jistgħu jaffettwaw l-emissjonijiet" (imsemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 715/2007) u kemm taħt dik, iktar limitata, tas-"sistemi tal-kontroll ta' l-emissjonijiet" (fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 3 u tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007). Barra minn hekk, is-sistema tal-EGR tikkostitwixxi wkoll *apparat għall-kontroll tat-tniġġis*, fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, jiġifieri komponent ta' vettura li jikkontrolla u/jew jillimita l-emissjonijiet mill-pajp tal-egżost (u dan jispjega, pereżempju, għalfejn is-sistema tal-EGR tissemma fil-punt 3.3 tal-Anness I tar-Regolament Nru 692/2008). Fil-leġiżlazzjoni li eżaminajt ma hemm xejn li jippermetti li jitqies li element partikolari ma jistax, simultanjament, jaqa' taħt diversi kategoriji ("komponenti li jistgħu jaffettwaw l-emissjonijiet", "apparat għall-kontroll tat-tniġġis" u "sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet", f'dan il-każ).

96. Għaldaqstant, fit-test tar-Regolament Nru 715/2007 ma hemm ebda ġustifikazzjoni għad-distinzjoni magħmula mill-kumpannija X bejn l-istrateġiji interni għall-magna u l-metodi ta' trattament sussegwenti tal-gassijiet tal-egżost. Barra minn hekk, fuq livell fattwali, din id-distinzjoni ftit li xejn tagħmel sens fil-fehma tiegħi. Għalkemm il-kumpannija X għamlet sforzi kbar sabiex issostni, matul is-seduta, li "dak li joħroġ mill-magna ma huwiex emissjoni", xorta jibqa' l-fatt li fil-prattika, kif osservat il-Kummissjoni fuq il-bażi ta' sens komuni kważi elementari, in-NOx jibqgħu NOx: dawn fl-aħħar mill-aħħar dejjem joħorġu mill-pajp tal-egżost (kemm jekk il-ħolqien tagħhom kien illimitat fi stadju preċedenti, fil-livell tal-magna, jew jekk kinux ittrattati fi stadju sussegwenti fis-sistema tal-egżost) [32].

97. Id-distinzjoni kkomplikata bejn metodi ta' tnaqqis fi stadju preċedenti jew fi stadju sussegwenti, proposta mill-kumpannija X, lanqas ma hija ġġustifikata mir-Regolament Nru 83 (KEE-NU) u, b'mod partikolari, mill-punt 2.16 tiegħu [33]. Il-fatt li l-punt 6.5.1.3 tal-Appendiċi 1 tal-Anness 11 ta' dan ir-regolament isemmi żewġ metodi ta' trattament sussegwenti bħala sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet (jew bħala sistemi għal kontra t-tniġġis) ma jimplikax *ipso facto* li metodi oħra (bħas-sistema tal-EGR) ma jistgħux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-kunċett: dawn huma biss eżempji iżolati u mhux lista eżawrjenti.

98. X'inhi s-sitwazzjoni tar-Regolament Nru 692/2008, invokat mill-kumpannija X kemm fl-osservazzjonijiet bil-miktub u kemm matul is-seduta?

99. Nibda billi nirrileva li r-Regolament Nru 692/2008, adottat mill-Kummissjoni [34], huwa strument ta' livell inferjuri fil-konfront tar-Regolament Nru 715/2007 (li min-naħa tiegħu joriġina mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew): bħala prinċipju, ir-Regolament Nru 692/2008 ma jistax jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 715/2007. Barra minn hekk, l-Artikolu 2(18) tar-Regolament Nru 692/2008 (invokat mill-kumpannija X) japplika "fil-kuntest tas-sistema [ta' dijanjostika fil-vettura]" u ma għandux portata ġenerali.

100. Barra minn hekk, il-pożizzjoni difiża mill-kumpannija X tidher li hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 2(18). Fil-fatt, skont il-kumpannija X, din id-dispożizzjoni tippreżupponi li sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet tista' tkun biss komponent "li huwa marbut mal-emissjonijiet" u "li jinsab *fis-sistema tal-egżost*" [35]. Issa, l-imsemmija dispożizzjoni tkopri kull komponent (li jikkonċerna l-emissjonijiet) *tas*-sistema tal-egżost, b'mod partikolari fil-verżjoni bil-Franċiż tar-Regolament [36]. Għaldaqstant, ma huwiex meħtieġ li dan il-komponent ikun jinsab fiżikament *fis*-sistema tal-egżost.

101. Bħalma tagħmel il-Kummissjoni, jiena inklinata li nqis li din l-interpretazzjoni żbaljata tirriżulta mill-verżjoni bl-Ingliż tar-Regolament Nru 692/2008, li tirreferi għal "any emission-related component *in* the exhaust […] system" [37]. L-użu ta' din il-frażi (fil-verżjoni bl-Ingliż [38]) ma jidhirx, fil-fehma tiegħi, li huwa korrett meta titqies l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 715/2007, li l-verżjoni bl-Ingliż tiegħu titkellem sistematikament dwar it-"*tailpipe emissions*" (fil-verżjoni bil-Franċiż, din l-espressjoni hija

32 Ara wkoll il-punt 88 ta' dawn il-konklużjonijiet: il-gassijiet li jiċċirkulaw permezz tas-sistema tal-EGR huma (fl-aħħar mill-aħħar) mormija fl-atmosfera.

33 Nosserva wkoll li, fil-verżjoni bil-Franċiż ta' dan l-istess regolament adottata fl-2015, il-kliem "sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet" ġie ssostitwit bil-kliem "sistema ta' kontra t-tniġġis". Din il-bidla, li ma hijiex neċessarjament riflessa b'mod ekwivalenti fil-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra, timmilita wkoll, fil-fehma tiegħi, favur interpretazzjoni wiesgħa ta' dan il-kunċett. Ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 4 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 Fil-fatt, dan huwa regolament adottat mill-Kummissjoni sabiex timplimenta ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 715/2007 (jiġifieri l-Artikoli 4, 5 u 8 tiegħu).

35 Qiegħda nirreferi għall-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-kumpannija X.

36 Bħala eżempju, nirrileva li dan huwa wkoll il-każ fil-verżjoni bit-Taljan (li tinkludi l-kliem "*del* sistema di scarico"), fil-verżjoni bl-Ispanjol ("*del* sistemade escape") jew ukoll fil-verżjoni bil-Pollakk (fejn il-kelma "układu" tindika l-ġenitiv u mhux il-lokattiv) tar-regolament inkwistjoni. Korsiv miżjud minni.

37 Korsiv miżjud minni.

38 Din l-espressjoni tinsab ukoll fil-verżjoni bil-Ġermaniż tar-Regolament Nru 692/2008, li tinkludi l-kliem "*im* Abgas- oderVerdunstungssystem". Korsiv miżjud minni.

tradotta bħala "émissions *au* tuyau arrière d'échappement"[39]). Il-kliem użat juri b'mod ċar ir-raġunament li fuqu huwa bbażat ir-Regolament Nru 715/2007: l-emissjonijiet huma dejjem imkejla mal-ħruġ mis-sistema tal-egżost, għaliex dawn dejjem jispiċċaw *mormija* permezz ta' din is-sistema (qabel iniġġsu l-arja). Għaldaqstant, il-mekkaniżmu li jippermetti li jiġu kkontrollati l-emissjonijiet ma għandux neċessarjament ikun jinsab *fis*-sistema tal-egżost fis-sens strett tal-kelma.

102. Fl-aħħar nett, nosserva wkoll li l-Appendiċi 2 tal-Anness XI tal-imsemmi Regolament Nru 692/2008 jinkorpora espliċitament s-sistema tal-EGR fil-lista tiegħu ta' sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet. Dan l-element jikkonferma, sa fejn huwa meħtieġ, in-natura żbaljata tal-interpretazzjoni difiża mill-kumpannija X fir-rigward tal-Artikolu 2(18).

*Interpretazzjoni teleoloġika*

103. Ngħaddi issa għall-għanijiet tar-Regolament Nru 715/2007, kif ukoll għall-impatt tagħhom fuq l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet".

104. Mill-premessi 1 u 5 ta' dan ir-regolament jirriżulta li dan huwa intiż b'mod partikolari li jiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u li t-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni f'termini tal-kwalità tal-arja jeħtieġ sforzi kontinwi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-vetturi. Il-premessa 6 tal-imsemmi regolament tispeċifika li "[b]'mod partikulari, hemm bżonn ta' tnaqqis konsiderevoli ta' l-emissjonijiet ta' l-ossidju tan-nitroġenu biex tittejjeb il-kwalità ta' l-arja u biex ikun hemm konformità mal-valuri ta' limitu għat-tniġġis".

105. Barra minn hekk, mill-Artikolu 4 tal-istess regolament jirriżulta li dan huwa intiż li jiżgura limitazzjoni *effettiva* tal-emissjonijiet u dan matul il-ħajja normali tal-vetturi, f'kundizzjonijiet ta' użu normali.

106. Fid-dawl tar-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni, kif espressa b'mod ċar ħafna f'dawn id-dispożizzjonijiet, inqis, bħall-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni, li għandha tingħata interpretazzjoni wiesgħa lill-kunċett ta' "sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet". Limitazzjoni tal-portata ta' dan il-kunċett għall-metodi ta' trattament sussegwenti tal-gassijiet tal-egżost (bl-esklużjoni tal-istrateġiji interni għall-magna, bħas-sistema tal-EGR), iċċaħħad ir-Regolament Nru 715/2007 minn parti kunsiderevoli tal-effett utli tiegħu. F'dan ir-rigward, id-distinzjoni magħmula mill-kumpannija X ma hijiex iġġustifikata.

*Konklużjoni*

107. Fid-dawl tal-interpretazzjoni letterali, kuntestwali, iżda wkoll teleoloġika tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 715/2007, inqis li r-risposta għat-tieni domanda preliminari għandha tiġi fformulata b'dan il-mod: il-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet" jinkludi kemm it-teknoloġiji, l-istrateġiji u l-partijiet mekkaniċi jew informatiċi li jippermettu li jitnaqqsu l-emissjonijiet (inklużi emissjonijiet ta' NOx) fi stadju preċedenti, bħas-sistema tal-EGR, u kemm dawk li jippermettu li jiġu ttrattati u mnaqqsa fi stadju sussegwenti, wara l-ħolqien tagħhom.

### *Fuq it-tielet domanda preliminari*

108. It-tielet domanda preliminari tinkludi tliet partijiet: ser nitratta t-tieni parti meta neżamina r-raba' domanda preliminari fit-taqsima li jmiss ta' dawn il-konklużjonijiet.

39 Il-verżjoni bil-Ġermaniż tar-Regolament Nru 715/2007 tirreferi għall-"Auspuffemissionen".

109. L-ewwel u t-tielet parti jikkonċernaw – essenzjalment – il-kwistjoni ta' jekk il-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007 għandux jiġi interpretat fis-sens li apparat li jidentifika kull parametru marbut mal-iżvolġiment tal-proċeduri ta' approvazzjoni previsti minn dan ir-regolament, sabiex jattiva jew jimmodula billi jiżdied, matul dawn il-proċeduri, il-funzjonament ta' kull parti tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, u b'hekk jikseb l-approvazzjoni tal-vettura, jikkostitwixxi "apparat ta' manipulazzjoni" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u dan minkejja li l-attivazzjoni billi jiżdied il-funzjonament tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet tista' titwettaq b'mod *ad hoc*, meta l-kundizzjonijiet preċiżi li jkollhom l-effett li jagħtu bidu lil din l-attivazzjoni jkunu preżenti f'ċirkulazzjoni reali.

110. Fil-fehma tiegħi, din id-domanda teħtieġ risposta fl-affermattiv.

111. "Apparat ta' manipulazzjoni" huwa element ta' disinn li jidentifika diversi parametri (temperatura, veloċità tal-vettura, eċċ) sabiex jattiva, jimmodula, jittardja jew iwaqqaf il-funzjonament ta' kull parti ta' sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, u li jnaqqas l-effettività ta' din is-sistema, f'kundizzjonijiet li wieħed jista' raġonevolment jistenna li jseħħu matul il-funzjonament normali u matul l-użu normali ta' vettura.

112. Il-kumpannija X tinvoka żewġ argumenti sabiex tirribatti tali klassifikazzjoni f'dan il-każ.

113. Permezz tal-ewwel argument tagħha, hija ssostni li s-sistema tal-EGR ma tikkostitwixxix sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet u li, għaldaqstant, element ta' disinn li jimmodula l-funzjonament tas-sistema tal-EGR ma jistax jiġi kklassifikat bħala "apparat ta' manipulazzjoni". Fid-dawl tar-risposta li qiegħda nipproponi li tingħata għat-tieni domanda preliminari, dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Jiena għalhekk mhux ħa nindirizza iktar dan is-suġġett.

114. It-tieni argument tagħha huwa s-segwenti: l-apparat ta' manipulazzjoni li jimmanipula billi jżid il-funzjonament ta' sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet *matul testijiet f'laboratorju* (bħat-testijiet NEDC) ma jnaqqasx l-effettività tal-imsemmija sistema. Hija biss il-modulazzjoni magħmula matul l-użu normali ta' vettura li tippermetti li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' apparat ta' manipulazzjoni.

115. Fil-fehma tiegħi, dan l-argument huwa kemm qarrieqi u kemm infondat, kemm fuq livell fattwali u kemm fuq livell legali.

116. *Fuq livell fattwali*, mid-deċiżjoni tar-rinviju kif ukoll mir-rapport perizjali jirriżulta li s-sistema tal-EGR taħdem skont żewġ modi, ikkontrollati mis-softwer kontenzjuż. Meta ċ-ċiklu karatteristiku tat-test ta' approvazzjoni jiġi identifikat, is-sistema tal-EGR tgħaddi fil-"mod 1". Fl-assenza ta' dan, meta jidentifika l-assenza tal-kundizzjonijiet karatteristiċi tat-test ta' approvazzjoni, is-sistema tmur fuq il-"mod 0".

117. Fil-mod 1, il-valv tal-EGR ikollu livell ta' ftuħ ikbar u jippermetti lill-vettura tosserva l-limitazzjonijiet regolamentari f'termini ta' emissjonijiet ta' NOx. Għall-kuntrarju, fil-mod 0 (jiġifieri, fil-prattika, il-mod li jipprevali fil-kundizzjonijiet ta' sewqan reali), il-valv tal-EGR ma jkunx iddiżattivat kompletament, iżda l-ftuħ tiegħu ikun limitat. Tali modulazzjoni twassal għal emissjonijiet ta' NOx ferm superjuri għal dawk li jidhru fil-fażi tat-test [40] u, fi kwalunkwe każ, għal riżultat li ma huwiex konformi mal-limiti ffissati mir-Regolament Nru 715/2007 [41].

40 Ir-rapport perizjali jsemmi "żieda b'fattura ta' 3 tal-emissjonijiet ta' NOx, li jmur ferm lil hinn mill-marġni ta' żball fil-kejl u l-protokoll implimentat"; ara l-paġna 74 tar-rapport perizjali.

41 *Ibidem.*

118. Kif irrilevaw ġustament il-Kummissjoni u l-Gvern Franċiż, huwa għalhekk manifest li l-apparat inkwistjoni "jimmodula" l-funzjonament ta' parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, peress li jvarja l-livell ta' emissjonijiet skont l-identifikazzjoni ta' diversi parametri ddefiniti minn qabel, billi jgħaddi minn mod għal ieħor.

119. Fi kliem ieħor, bl-għażla prestabbilita għall-mod 0 f'kundizzjonijiet ta' użu normali tal-vettura, il-proċess implimentat għandu l-effett li jimmodula billi jnaqqas l-effettività tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet. Il-fatt li dan il-proċess iwassal għal attivazzjoni ikbar fil-każ biss li jiġu identifikati l-kundizzjonijiet speċifiċi tat-test ta' approvazzjoni ma għandu ebda impatt fuq din il-konstatazzjoni.

120. *Fuq livell legali*, għandu jiġi kkonstatat li barra minn hekk it-teżi difiża mill-kumpannija X ma hijiex konformi la mat-test, la mal-kuntest u lanqas mal-għan tal-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007.

121. Fil-fatt, kif irrilevat ġustament il-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni ma hijiex ibbażata fuq *dikotomija* bejn il-fażi tat-testijiet imwettqa għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura u l-perijodu sussegwenti ta' użu normali tal-vettura. L-approvazzjoni tal-vetturi bil-magna hija bbażata fuq *proċeduri ta' test li għandhom*, sa fejn ikun possibbli, *jikkorrispondu għal dak li ser ikun l-użu normali futur tal-vettura*, wara t-tqegħid tagħha fis-suq. It-test huwa mistenni li jirriproduċi *ex ante* l-kundizzjonijiet reali ta' sewqan li l-vettura ser tiltaqa' magħhom matul l-użu normali tagħha.

122. Il-metodu ta' test NEDC jikkostitwixxi b'xi mod jew ieħor traġitt teoretiku, li jiġbor fil-qosor (b'mod skematiku) dawn il-"kondizzjonijiet li wieħed raġonevolment jistenna li jiltaqa' magħhom waqt it-tħaddim u l-użu normali ta' vettura". Id-diżattivazzjoni parzjali jew kompleta ta' sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, ipprogrammata sabiex tapplika sistematikament meta ma jkunx hemm dan it-traġitt teoretiku, twassal neċessarjament għal tnaqqis tal-effettività ta' din is-sistema f'kundizzjonijiet ta' użu normali. Din id-diżattivazzjoni artifiċjali tista' twassal biss għal ksur tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007.

123. Għaldaqstant, ma hemmx bażi testwali insostenn tal-pożizzjoni li qiegħda tiġi difiża mill-kumpannija X.

124. Barra minn hekk, fuq livell kuntestwali, għandu jsir riferiment ukoll għall-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 715/2007: dan jistabbilixxi l-obbligu li tiġi ggarantita limitazzjoni effettiva tal-emissjonijiet mill-pajp tal-egżost matul il-ħajja normali kollha tal-vetturi u dan f'*kundizzjonijiet ta' użu normali*[42]. Apparat li l-uniku għan tiegħu jkun li jiżgura l-osservanza tal-limiti regolamentari matul testijiet imwettqa f'laboratorju jmur *de facto* kontra dan l-obbligu. Ir-rapport perizjali huwa ċar f'dan is-sens: skont l-espert, "fl-ispirtu tal-liġi, is-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet għandhom ikunu operazzjonali matul il-funzjonament normali tal-vettura"[43]. Jekk tintlaqa' l-pożizzjoni tal-kumpannija X, dan iwassal sabiex "jiġi ammess li l-intenzjoni tal-leġiżlazzjoni ma hijiex li jitnaqqsu l-emissjonijiet inkwinanti kuljum […] iżda biss li t-teknoloġiji jiġu suġġetti għal testijiet sabiex jgħaddu minn livell"[44]. Huwa evidenti li tali interpretazzjoni ma tkunx konformi mal-loġika sistemika tar-Regolament Nru 715/2007.

125. Ir-riflessjoni magħmula mill-perit twassalni naturalment għall-aspett teleoloġiku tal-kwistjoni: fid-dawl tal-għanijiet segwiti mir-Regolament Nru 715/2007 (kif esposti fil-punti 104 u 105 ta' dawn il-konklużjonijiet), ma hemm ebda dubju li t-teżi difiża mill-kumpannija X twassal għal limitazzjoni mhux ġustifikata tal-effett utli tar-Regolament Nru 715/2007 u tal-projbizzjoni fir-rigward tal-apparat imsemmi fil-punt 10 tal-Artikolu 3 u fl-Artikolu 5(2) tal-imsemmi regolament.

42 Ara wkoll l-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 715/2007, li jsemmi l-"użu normali" tal-vetturi.

43 Ara l-paġna 75 tar-rapport perizjali.

44 *Ibidem.*

126. Finalment, bħalma jagħmlu l-Kummissjoni u l-Gvern Franċiż, inqis li l-fatt li l-modulazzjoni billi jiżdied il-funzjonament tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet tista' titwettaq *ad hoc* fl-okkażjoni tal-użu normali tal-vettura huwa irrilevanti. Kif osservat il-Kummissjoni, il-probabbiltà li sseħħ tali koinċidenza hija inkredibbilment żgħira (fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tat-test NEDC). L-osservanza, mill-vettura, tal-limiti ffissati mir-regolament inkwistjoni għandha tkun *ir-regola* matul l-użu normali tagħha, u mhux *eċċezzjoni* marbuta mal-eżistenza aċċidentali ta' kundizzjonijiet analogi għal dawk tat-testijiet ta' approvazzjoni.

127. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, inqis li r-risposta għat-tielet domanda għandha tiġi fformulata bil-mod segwenti: il-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li apparat li jidentifika kull parametru marbut mal-iżvolġiment tal-proċeduri ta' approvazzjoni previsti minn dan l-istess regolament, bil-għan li jattiva jew jimmodula billi jiżdied, matul dawn il-proċeduri, il-funzjonament ta' kull parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, u b'hekk bil-għan li jikseb l-approvazzjoni tal-vettura, jikkostitwixxi "apparat ta' manipulazzjoni" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, anki jekk il-modulazzjoni billi jiżdied il-funzjonament ta' din is-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet tista' titwettaq *ad hoc* meta l-kundizzjonijiet preċiżi li jattivawha jkunu preżenti b'mod aleatorju f'kundizzjonijiet ta' użu normali tal-vettura.

### *Fuq ir-raba' domanda preliminari*

128. Permezz tal-punt b) tat-tielet domanda, kif ukoll permezz tar-raba' domanda (li min-naħa tagħha fiha tliet partijiet), il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-legalità ta' apparat ta' manipulazzjoni bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali u, b'mod partikolari, dwar il-kwistjoni ta' jekk tali apparat jistax jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' waħda mill-eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007. Il-qorti tar-rinviju, b'mod iktar preċiż, tixtieq li jiġi ddeterminat jekk il-fatt li jitnaqqas il-proċess li bih tiqdiem jew tinstadd il-magna jistax jitqies li jagħmel parti mir-raġunijiet imperattivi marbuta mal-"protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti" jew mat-"tħaddim fis-sigurtà tal-vettura" fis-sens tal-Artikolu 5(2)(a) ta' dan ir-regolament u b'hekk jiġġustifika l-preżenza tal-imsemmi apparat ta' manipulazzjoni.

129. Infakkar li l-użu ta' apparat ta' manipulazzjoni li jnaqqas l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet huwa pprojbit u li din il-projbizzjoni fuq livell ta' prinċipju hija suġġetta għal tliet eċċezzjonijiet biss, jiġifieri meta: a) *il-bżonn tal-apparat* ikun iġġustifikat f'termini ta' protezzjoni tal-magna kontra l-*ħsara* jew *inċident* u għall-*funzjonament fis-sigurtà* tal-vettura; b) l-apparat ma jaħdimx *għajr għall-ħtiġijiet tal-istartjar tal-magna*; jew c) il-kundizzjonijiet ikunu *sostanzjalment inklużi fil-proċeduri ta' eżami* sabiex jiġu vverifikati l-emissjonijiet permezz tal-evaporazzjoni u l-emissjonijiet permezz tal-pajp tal-egżost.

130. Fid-dawl tal-punti ta' fatt esposti iktar 'il fuq, l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2)(b) u (c) huma manifestament irrilevanti f'din il-kawża.

131. Min-naħa l-oħra, għandha tiġi analizzata l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament Nru 715/2007, li tippermetti li tiġi ġġustifikata l-preżenza ta' apparat ta' manipulazzjoni meta dan ikun meħtieġ sabiex il-magna tiġi protetta kontra l-ħsara jew kontra inċidenti u sabiex jiġi ggarantit il-funzjonament fis-sigurtà tal-vettura.

132. Għandu jiġi rrilevat li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu *interpretati b'mod strett* sabiex ir-regoli ġenerali ma jiġux *imċaħħda mis-sustanza tagħhom*[45]. F'dan ir-rigward, l-interpretazzjoni tal-eċċezzjonijiet ma tistax tmur lil hinn mill-każijiet previsti b'*mod espliċitu* mid-dispożizzjoni inkwistjoni[46].

133. Għaldaqstant, nibda billi neskludi mill-ewwel l-argument ippreżentat mill-kumpannija X fis-sens li għandha tingħata interpretazzjoni jew applikazzjoni "wiesgħa" tal-eċċezzjoni inkwistjoni[47].

134. F'din il-kawża għandha tingħata interpretazzjoni tal-kliem "inċident" u "ħsara". Fil-fehma tiegħi, il-portata ta' dawn iż-żewġ kelmiet tista' tinstilet minn qari letterali u teleoloġiku tagħhom.

135. *Fuq livell letterali*, nosserva li b'mod komuni huwa aċċettat li l-kelma "inċident" tirreferi għal avveniment mhux previst u li jseħħ f'daqqa u li jimplika ħsarat jew perikoli, inklużi korrimenti jew mewt[48]. Min-naħa tagħha, il-kelma "ħsara" tirreferi għal dannu li jirriżulta ġeneralment minn kawża vjolenti jew li sseħħ f'daqqa[49]. Il-kliem "accident" u "damage" użat fil-verżjoni bl-Ingliż tar-Regolament Nru 715/2007 ma jikkontradixxux, fil-fehma tiegħi, din l-aċċettazzjoni[50].

136. Meta l-formulazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni tkun ċara u preċiża, wieħed għandu joqgħod fuqha[51].

137. Għalhekk, apparat ta' manipulazzjoni jista' jkun iġġustifikat, skont l-Artikolu 5(2)(a) tar-regolament imsemmi iktar 'il fuq, fil-każ biss li jirriżulta *neċessarju* sabiex jipproteġi l-magna milli jseħħu danni *f'daqqa*.

138. Fil-fehma tiegħi, għandha għalhekk tiġi miċħuda l-interpretazzjoni estensiva tal-Gvern Taljan fis-sens li l-kunċett ta' "ħsara" għandu jiġi estiż b'mod li jinkludi t-tkagħbir bl-użu, it-telf ta' effiċjenza jew it-telf tal-valur patrimonjali tal-vettura li jirriżulta mill-proċess li bih il-magna tiqdiem jew tinstadd progressivament.

139. Kif irrilevaw ġustament il-Kummissjoni u l-Gvern Franċiż, il-proċess li bih tiqdiem u tinstadd il-magna jew parti mill-magna huwa r-riżultat inevitabbli tal-użu *normali* ta' vettura. Dawn huma effetti *ordinarji* u *prevedibbli* tal-akkumulazzjoni progressiva ta' impuritajiet fil-magna, matul il-ħajja normali kollha tal-vettura, f'kundizzjonijiet ta' użu normali – effetti li barra minn hekk jistgħu jiġu attenwati permezz ta' manteniment regolari, ippjanat fuq perijodu twil. Dawn għalhekk la huma inċidenti, la huma ħsara u lanqas ma huma perikoli għall-funzjonament fis-sigurtà tal-vettura.

45 Sentenza tat-22 ta' April 2010, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-346/08, EU:C:2010:213, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Ara, fost oħrajn, is-sentenzi tas-16 ta' Mejju 2013, Melzer (C-228/11, EU:C:2013:305, punt 24) u tal-5 ta' Marzu 2015, CopydanBåndkopi (C-463/12, EU:C:2015:144, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Skont il-kumpannija X, din l-interpretazzjoni (jew applikazzjoni) wiesgħa għandha tiġi ffavorita għaliex l-eċċezzjoni msemmija iktar 'il fuq "ma teħtieġx li tintuża l-aħjar teknoloġija disponibbli u […] għandha tingħata interpretazzjoni każ b'każ iktar milli tifsira astratta". F'dan ir-rigward, nirrileva li l-eċċezzjoni inkwistjoni ma tagħmel ebda riferiment għall-ħtieġa (jew għall-assenza ta' ħtieġa) li tintuża l-"aħjar teknoloġija disponibbli". Sa fejn tistabbilixxi regola ta' applikazzjoni ġenerali, din l-eċċezzjoni għandu neċessarjament ikollha portata normattiva u astratta. Għaldaqstant, l-argument invokat mill-kumpannija X huwa ineffettiv.

48 Fir-rigward tat-tifsira aċċettata ta' din il-kelma fil-lingwa Franċiża, ara d-dizzjunarju *Le Petit Robert*, Société du Nouveau Littré, Pariġi, 1973, *sub voce* "Accident".

49 Fir-rigward tat-tifsira aċċettata ta' din il-kelma fil-lingwa Franċiża, ara d-dizzjunarju *Le Petit Robert*, Société du Nouveau Littré, Pariġi, 1973, *sub voce* "Dégât".

50 B'hekk, fl-Ingliż, il-kelma "damage" tista' tiġi ddefinita hekk: "physical harm that impairs the value, usefulness, or normal function of something" (ara, f'dan is-sens, Oxford Dictionary of English, OUP, 2016). Fl-istess dizzjunarju, il-kelma "accident" hija ddefinita hekk: "An unfortunate incident that happens unexpectedly and unintentionally, typically resulting in damage or injury. An event that happens by chance or that is without apparent or deliberate cause".

51 Sentenza tat-8 ta' Diċembru 2005, BĊE vs Il-Ġermanja (C-220/03, EU:C:2005:748, punt 31).

140. Ngħaddi issa għall-aspett *teleoloġiku* tad-domanda. Fil-fehma tiegħi, fid-dawl tal-għanijiet tar-Regolament Nru 715/2007 u, b'mod partikolari, tal-għan tal-protezzjoni tal-ambjent u tat-titjib tal-kwalità tal-ajru fi ħdan l-Unjoni[52], l-interpretazzjoni estensiva difiża mill-Gvern Taljan ma tista' tiġi ġġustifikata bl-ebda mod.

141. Din l-interpretazzjoni ġġib fix-xejn is-sustanza tar-regola ġenerali (fi kliem ieħor, il-projbizzjoni tal-apparat ta' manipulazzjoni li jnaqqas l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet).

142. Fil-fatt, il-manifatturi ta' vetturi għandhom jiżguraw li dawn tal-aħħar josservaw il-limiti ffissati mil-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-emissjonijiet, *matul il-funzjonament normali tagħhom*[53], u għandhom jiżguraw li dawn il-vetturi jaħdmu b'mod sigur, filwaqt li josservaw dawn il-limiti. Għalkemm ma jistax jiġi eskluż li l-funzjonament ta' sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet jista' jaffettwa b'mod negattiv (fuq perijodu twil) it-tul tal-ħajja jew l-affidabbiltà tal-magna, dan il-fatt bl-ebda mod ma jiġġustifika li wieħed jiddiżattiva l-imsemmija sistema matul il-funzjonament normali tal-vettura, f'kundizzjonijiet ta' użu normali, bis-sempliċi għan li l-magna tiġi protetta mill-proċess li bih tiqdiem jew tinstadd b'mod progressiv.

143. Fi kliem ieħor, huwa diffiċli li l-interpretazzjoni ppreżentata (f'din il-kawża) mill-Gvern Taljan tiġi aċċettata għaliex twassal sabiex il-projbizzjoni msemmija iktar 'il fuq tiġi mċaħħda minn kull effett utli u b'mod kompletament evidenti tmur kontra l-volontà tal-leġiżlatur tal-Unjoni, li hija li jiġi żgurat it-tnaqqis tal-emissjonijiet inkwinanti bl-iffissar ta' limiti li għandhom jiġu osservati matul l-użu normali ta' kull vettura mqiegħda fis-suq.

144. Barra minn hekk, tali interpretazzjoni timplika *de facto* li l-interessi ekonomiċi (bħaż-żamma tal-valur tal-bejgħ mill-ġdid tal-vettura) jipprevalu fuq is-saħħa pubblika[54]. Dan ir-riżultat imur kontra l-formulazzjoni u l-ispirtu tar-Regolament Nru 715/2007[55].

145. X'konklużjoni għandha tinstilet minn dan f'din il-kawża?

146. Fil-fehma tiegħi, huma biss ir-riskji *immedjati* ta' ħsarat li jaffettwaw l-affidabbiltà tal-magna u li jikkawżaw perikolu konkret matul is-sewqan tal-vettura li huma ta' natura li jiġġustifikaw il-preżenza ta' apparat ta' manipulazzjoni.

147. Hija l-qorti tar-rinviju – li hija l-unika qorti li tiddeċiedi dwar il-fatti – li għandha tistabbilixxi jekk l-apparat inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqax fil-limiti tal-eċċezzjoni analizzata iktar 'il fuq[56].

52 Ara l-punti 104 u 105 ta' dawn il-konklużjonijiet.

53 Ara wkoll il-punti 50 u 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

54 Bħala prinċipju, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika għandha tingħata importanza ikbar minn kunsiderazzjonijiet ekonomiċi: ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 1997, Affish (C-183/95, EU:C:1997:373, punt 43).

55 Nirrileva li l-interpretazzjoni li qiegħda nipproponi hija simili għal dik adottata llum 'il ġurnata mill-Kummissjoni fl-Avviż tagħha C(2017) 352 final tas-26 ta' Jannar 2017 (Gwida dwar l-evalwazzjoni tal-Istrateġiji Awżiljarji għall-Kontroll tal-Emissjonijiet u l-preżenza ta' Tagħmir ta' Riduzzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward talemissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6)). Madankollu, l-avviż imsemmi iktar 'il fuq ma għandux effett vinkolanti u (bħala tali) ma jistax iservi ta' bażi għall-ħidma ta' interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-fatti li wasslu għat-tilwima fil-kawża prinċipali jippreċedu l-adozzjoni ta' dan l-avviż. Fil-fehma tiegħi, għalhekk, ma hemmx lok li dan l-avviż jittieħed inkunsiderazzjoni f'din il-kawża.

56 Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, il-qorti nazzjonali għandha ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali: ara s-sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, Dodič (C-194/18, EU:C:2019:385, punt 45).

148. Madankollu, jidhirli f'loku li nirrileva li, skont ir-rapport perizjali, is-sistema tal-EGR "ma teqridx il-magna" [57]. Madankollu, din is-sistema tista' tnaqqas ir-rendiment tal-magna bl-użu u tista' tħaffef il-proċess li bih jinġema' ħmieġ fil-magna, li jista' jagħmel l-operazzjonijiet ta' manteniment "iktar frekwenti u b'iktar spejjeż" [58]. Fid-dawl ta' din il-konstatazzjoni, jidhirli li l-apparat ta' manipulazzjoni inkwistjoni ma huwiex meħtieġ sabiex il-magna tiġi protetta kontra *inċidenti* jew *ħsara* u sabiex jiġi żgurat il-*funzjonament fis-sigurtà tal-vettura*.

149. Ir-risposta għall-punt b) tat-tielet domanda u għar-raba' domanda preliminari għandha għalhekk tiġi fformulata kif ġej: l-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament Nru 715/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-għan li jitnaqqas il-proċess li bih magna tiqdiem jew tinstadd ma jiġġustifikax l-użu ta' apparat ta' manipulazzjoni, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

## Konklużjonijiet

150. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti r-risposta segwenti għad-domandi magħmula mill-vice-président chargé de l'instruction du tribunal de grande instance de Paris (il-Viċi President Responsabbli għall-Istruttorja tal-Qorti Reġjonali ta' Pariġi, Franza)

1) L-ewwel domanda preliminari

Il-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi għandu jiġi interpretat fis-sens li programm integrat fil-kalkolatur ta' kontroll tal-magna jew, b'mod iktar ġenerali, li jaġixxi fuq dan il-kalkolatur jista' jitqies li huwa element ta' disinn fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, kemm-il darba jkun jagħmel parti integrali mill-imsemmi kalkolatur.

2) It-tieni domanda preliminari

Il-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet" jinkludi kemm it-teknoloġiji, l-istrateġiji u l-partijiet mekkaniċi jew informatiċi li jippermettu li jitnaqqsu l-emissjonijiet (inklużi emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu) fi stadju preċedenti, bħas-sistema tar-riċirkulazzjoni tal-gassijiet tal-egżost, u kemm dawk li jippermettu li jiġu ttrattati u mnaqqsa fi stadju sussegwenti, wara l-ħolqien tagħhom.

3) It-tielet domanda preliminari

Il-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li apparat li jidentifika kull parametru marbut mal-iżvolġiment tal-proċeduri ta' approvazzjoni previsti minn dan l-istess regolament, bil-għan li jattiva jew jimmodula billi jiżdied, matul dawn il-proċeduri, il-funzjonament ta' kull parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, u b'hekk bil-għan li jikseb l-approvazzjoni tal-vettura, jikkostitwixxi "apparat ta' manipulazzjoni" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, anki jekk il-modulazzjoni billi jiżdied il-funzjonament ta' din is-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet tista' titwettaq *ad hoc* meta l-kundizzjonijiet preċiżi li jattivawha jkunu preżenti b'mod aleatorju f'kundizzjonijiet ta' użu normali tal-vettura.

4) Ir-raba' domanda preliminari

57 Ara l-paġni 74 u 75 tar-rappport perizjali.

58 Ara l-paġna 76 tar-rapport perizjali.

L-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament Nru 715/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-għan li jitnaqqas il-proċess li bih magna tiqdiem jew tinstadd ma jiġġustifikax l-użu ta' apparat ta' manipulazzjoni, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.